# Xiri ta' Prodotti Favur l-Ambjent bi Prezz Xieraq



Sal-ġurnata tal-lum, prodotti li jinsabu fis-suq u li huma stmati li huma favur l-ambjent, għandhom il-fama li jkunu ogħla fil-prezz minn dawk il-prodotti li ma jpoġġux l-ambjent bħala prijorità. Din id-differenza toħloq kunflitt fil-konsumatur meta jkun qiegħed jixtri. Filwaqt li ħafna minna l-konsumaturi nkunu nixtiequ nkunu konxji ta' kemm għandna nibżgħu għall-ambjent ta' madwarna, fejn jintmissilna l-but noqogħdu attenti aktar.

Huwa għalhekk li numru ta' pajjiżi mill-Unjoni Ewropea qegħdin jikkunsidraw li jnaqqsu t-taxxi fuq xiri li jkun favur l-ambjent. Dan bil-għan li jinkoraġġixxu iktar lill-konsumatur jagħti kas fatturi sostenibbli. Fi stħarriġ li kien sar dan l-aħħar mill-Unjoni Ewropea permezz ta' l-Ewrobarometru juri li, għalkemm 83% tal-konsumaturi jgħidu li jinkwetaw għall-impatt ambjentali meta jixtru prodott, huma iktar dawk il-konsumaturi li jagħtu kas tal-prezz u tal-kwalità tal-prodott.

Fi żmien meta l-kriżi ekonomika affettwat b'xi mod lill-maġġoranza tal-attivitajiet ekonomiċi, il-konsumatur dan l-aħħar jinsab iktar moħħu fil-prezzijiet tal-prodotti minn qatt qabel. Studji maħruġin mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent juru li l-konsumatur jonfoq il-maġġoranza tal-ispejjeż tiegħu fuq ikel u xorb, kif ukoll fuq id-djar u ċ-ċaqliq tagħhom. L-effett ambjentali ta' dawn it-tip ta' prodotti huwa pjuttost kbir.

Għaldaqstant, matul dawn l-aħħar snin, l-UE ħejjiet diversi regolamenti għall-pajjizi tagħha biex kemm jista' jkun tipprova toħloq aktar kuxjenza b'miżuri fejn il-konsum taċ-cittadini tagħha jkun favur l-ambjent. Fosthom insibu:

- il-politika agrikola u integrazzjoni ambjentali - kull stadju ta' prodott agrikolu jkun magħmul u għadda minn proċess li ma jagħmilx daqstant ħsara lill-ambjent;
- pjan ta' azzjoni dwar konsum u produzzjoni sostenibbli – standards iktar stretti fuq il-produzzjoni u li jissimplifikaw l-ittikkettjar tal-prodott għall-konsumatur;
- inizjattivi mmexxija mill-industrija tal-ikel u l-bejgħ fuq livell Ewropew bil-għan li jingħaqdu numru ta' esperti u jaqsmu l-kompetenza tagħhom bejniethom;
- diskussjonijiet mal-Ġnus Magħquda u ma' organizzazzjonijiet oħra fuq livell internazzjonali.

Malta-EU Steering & Action Committee

indirizz: 280 Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt

Avviż bi ħlas